*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,715, 8 ta' Ottubru, 2021*
*Taqsima C*

# Nru. 242

8. 10. 2021

# MALTA

KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Edward Zammit Lewis, M.P., Ministru għall-Ġustizzja u l-Governanza, f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tal-1 ta' Frar 2021.

**ATT sabiex jemenda l-Att dwar id-Dħul ta' Malta bħala Membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali, Kap. 209.**

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Edward Zammit Lewis, M.P., Minister for Justice and Governance, on behalf of the Minister for Finance and Employment and read the First time at the Sitting of the 1st February 2021.

**AN ACT to amend the Malta Membership of the International Monetary Fund Act, Cap 209.**

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

**ABBOZZ TA' LIĠI**
**msejjaħ**

*ATT sabiex jemenda l-Att dwar id-Dħul ta' Malta bħala Membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali, Kap. 209.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2021 li jemenda l-Att dwar id-Dħul ta' Malta bħala Membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali u għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar id-Dħul ta' Malta bħala Membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-finanzi u s-servizzi finanzjarji jista' jistabbilixxi permezz ta' avviż fil-Gazzetta, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet u għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Emenda tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali.

**2.** Fis-subartikolu 2 tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali l-kliem "Sezzjoni 5 tal-Artikolu III tal-Ftehim tal-Fond", għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Sezzjoni 4 tal-Artikolu III tal-Ftehim tal-Fond".

Sostituzzjoni tal-artikolu 8 tal-Att prinċipali.

**3.** L-artikolu 8 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Setgħat tal-Ministru.

8. (1) Il-Ministru jista' b'ordni jagħmel dawk id-dispożizzjonijiet li jkunu meħtieġa biex jagħti effett lil kull waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Ftehim tal-Fond.

(2) Il-Ministru jista', minn żmien għal żmien, permezz ta' ordni jemenda, iħassar jew jissostitwixxi l-Iskedi ta' dan l-Att.

(3) Kull Skeda magħmula taħt dan l-Att u kull emenda jew revoka tal-istess Skedi, jistgħu jsiru bil-lingwa Ingliża biss."

Sostituzzjoni tal-Iskeda annessa mal-Att prinċipali.

**4.** L-Iskeda li tinsab annessa mal-Att prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

**"SKEDA**
**ARTICLES OF AGREEMENT**
**OF THE INTERNATIONAL MONETARY FUND**

https://www.imf.org/external/pubs/ft/aa/"

---

**Għanijiet u Raġunijiet**

L-għanijiet u r-raġunijiet ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huma sabiex tiġi emendata l-Iskeda annessa mal-Att dwar id-Dħul ta' Malta bħala Membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali, Kap. 209.

**A BILL**
**entitled**

*An ACT to amend the Malta Membership of the International Monetary Fund Act, Cap 209.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives in this present Parliament assembled, and by the authority of the same as follows:-

Short title and commencement.

**1.** (1) The short title of this Act is the Malta Membership of the International Monetary Fund (Amendment) Act, 2021, and this Act shall be read and construed as one with the Malta Membership of the International Monetary Fund Act, hereinafter referred to as "the principal Act".

(2) This Act shall come into force on such date as the Minister responsible for finance and financial services may, by notice in the Gazette establish, and different dates may be so established for different provisions and purposes of this Act.

Amendment of article 6 of the principal Act.

**2.** In sub-article 2 of article 6 of the principal Act, the words "Section 5 of Article III of the Fund Agreement", shall be substituted by the words "Section 4 of Article III of the Fund Agreement".

Substitution of article 8 of the principal Act.

**3.** Article 8 of the principal Act shall be substituted by the following new article:

"Powers of the Minister.

8. (1) The Minister may by order make such provisions as are necessary for carrying into effect any of the provisions of the Fund Agreement.

(2) The Minister may, from time to time by order, amend, repeal or substitute the Schedules made under this Act.

(3) Any Schedules made under this Act and any amendment or revocation of the said Schedules may be made in the English language only."

Substitution of the Schedule annexed to the principal Act.

**4.** The Schedule annexed to the principal Act shall be substituted by the following new Schedule:

**"SCHEDULE**

**ARTICLES OF AGREEMENT**

**OF THE INTERNATIONAL MONETARY FUND**

https://www.imf.org/external/pubs/ft/aa/"

---

**Objects and Reasons**

The objects and reasons of this Bill are to amend the Schedule annexed to the Malta Membership of the International Monetary Fund Act, Cap. 209.

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta —** ***Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC —** ***Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper***

**Prezz/*Price***
**€0.36**